FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 05 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Matthew Spagnol

vs

John Dyer

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 542458M akkuzat talli;

1. nhar it-13 ta' Lulju 2016, fil-fond Wembley Garage, San Giljan, ghal habta tas-sitta ta' filghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' Nicholas Ciantar (ID 1040847M) f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Nicholas Ciantar liema hsara hija kkwalifikata bhala offiza gravi fuq il-persuna, hekk kif gie iccertifikat minn Dr. C. Zammit (Med reg 5689);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 214 u 216 1(A) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat